

32003D0015(01)

11.12.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 324/57

ID-DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**tat-28 ta' Novembru 2003****dwar l-approvazzjoni tal-volum ta' ħruġ ta' muniti fl-2004****(BĊE/2003/15)****(2003/860/KE)**

IL-KUNSILL REGOLATORJU TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunita` Ewropea, u partikolarment l-Artiklu 106 (2),

Billi:

- (1) Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għandu d-dritt esklussiv mill-1 ta' Jannar, 1999, biex japprova l-volum ta' muniti li joħorġu l-Istati Membri li addottaw l-ewro (l-Istati Membri parteċipanti).
- (2) L-Istati Membri parteċipanti ppreżentaw lill-BĊE għall-approvazzjoni tiegħu, kemm jistmaw li għandu jkun il-volum ta' muniti ewro li se joħorġu fl-2004, flimkien ma' noti ta' spjega dwar il-metodoloġija tat- tbassir,

IDDEĊIEDA:

*Artikolu 1***L-approvazzjoni tal-volum ta' muniti ewro li se jinħarġu fl-2004**

Il-BĊE japprova l-volum ta' muniti li l-Istati Membri parteċipanti se joħorġu fl-2004 kif deskritt fit-tabella li ġejja:

(miljuni f'EUR)

	Il-ħruġ ta' muniti ddestinati għaċ-ċirkolazzjoni u l-ħruġ ta' muniti għall-kollekturi (mhux iddestinati għaċ-ċirkolazzjoni) fl-2004
Il-Belġju	203,0
Il-Ġermanja	1 035,0
Il-Greċja	207,4
Spanja	860,0
Franza	668,9
Irlanda	151,0
L-Italja	170,8
Il-Lussemburgu	70,0
Il-Pajjiżi l-Baxxi	175,0
L-Awstrija	212,0
Il-Portugall	230,0
Il-Finlandja	60,0

*Artikolu 2***Dispożizzjoni finali**

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri parteċipanti.

Din id-Deċiżjoni se tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropeja*.

Magħmula fi Frankfurt am Main, it-28 ta' Novembru 2003.

Il-President tal-BĊE
Jean-Claude TRICHET
